MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 78/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**Vs**
**Victoria sive Vicky Ebejer**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanta detentriċi tal-karta tal-identita` numru 235976(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli
A. Nhar l-20 ta' Diċembru, 2006, għal ħabta ta' l-10.15 ta' filgħodu, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ġewwa Raħal Ġdid, bi vjolenza u b'theddid giegħlet lill-gwardjana nisa tal-ħabs WCO. 15 Karen Gafa' kif ukoll lil WCO. 23 Vincienne Mangion, bħala uffiċjali Pubblici, li jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom u dana bi ksur tal-artiklu 91 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tal-gwardjana nisa tal-habs WCO. 15 Karen Gafa' kif ukoll WCO. 23 Vincienne Mangion, bhala persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Liġi mill-Awtorita' kompetenti u dana bi ksur tal-artiklu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, ingurjat jew heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' l-istess gwardjana nisa tal-habs WCO. 15 Karen Gafa' kif ukoll WCO. 23 Vincienne Mangion, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn sevizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dana bi ksur ta' l-artiklu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

D. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid , ikkawzat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-gwardjana tal-Habs WCO. 15 Karen Gafa', kif iccertifikat minn Dr. Alessandra Portelli M.D. (Warrant Mediku Nru. 2180), it-tabib tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-art. 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, ikkawzat ukoll griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-gwardjana tal-Habs WCO. 23 Vincienne Mangion, kif iccertifikat minn Dr. Alessandra Portelli M.D. (Warrant Mediku Nru. 2180), it-tabib tac-Centru ta-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-art. 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallietx jew fixklet waqt li ufficcjal Pubbliku kien qed jaghmel id-dmirijiet taghha u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

G. Barra minn dan akkuzata ukoll talli fl-istess cirkustanzi, fl-istess Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, volontarjament kisret il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika, b'ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artiklu, 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk, akkuzata ukoll talli saret reċidiva, b'diversi sentenzi li ġew mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi, saru definittivi u ma jistgħu jitħassru qatt.

Vicky Ebejer kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrrera LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-13 ta' Ġunju 2005, kif ukoll mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-13 ta' Gunju 2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 91, 95, 96(1)(a), 221, 338(dd), 17, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanta ħatja tal-akkużi mmarkati bhala A, B, C, D, E u G kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u kkundannatha erba` (4) xhur priġunerija.

Il-Qorti ddikjarat lill-appellanta mhux hatja tal-akkuza mmarkata bhala F u konsegwentement illiberatha mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fis-16 ta' Frar, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhix hatja f'akkuza F u tilliberha mill-akkuzi l-ohra u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Mill-provi prodotti jidher car li l-inċident inqala' meta l-appellanta kienet kompletament imneżżgħa u l-Gwardjani li kienu qed jagħmlu l-istrip search kienu qed jagħmlu tfixxija fil-partijiet intimi tagħha. Il-verzjoni tal-Gwardjani tal-Habs tgħid li l-incident beda meta kienu qed jezaminaw il-qalziet ta' taħt tagħha u suspettaw li kellha droga fil-lining ta' l-istess qalziet ta' taħt u kienet tefgħet xi ħaġa ġo ħalqha. Jekk il-Gwardjani kellhom suspett li kellha d-droga go fiha kienu jagħmlu l-investigazzjoni normali bħalma meta persuna jkollha d-droga go fiha fl-ajruport u jsir ezami medika ohra. Fil-fatt, l-appellanta ma kinitx akkuzata b'tentattiv ta' traffikar ta' droga, iċda l-akkużi jikkonċernaw l-incident li kellha mal-Gwardjana tal-Habs. Kieku kellha d-droga fuqha kienet toġġezzjona li ssir strip search u ma tidħolx għaż-zjara tagħha. B'hekk il-verzjoni ta' l-appellanta hija oggettivament aktar verosimili li l-inċident beda meta kienet qegħda ssir internal examination tagħha u oġġezzjonat kif kienu qed isiru l-affarijiet u ħasset li l-pudur tagħha kien qiegħed jiġi abbużat. L-appellanta dak il-hin kienet kompletament mingħajr ħwejjeħ, ħaġa li wieħed jista` jifhem li jgib certu misthija w biza, l-fatt li l-partijiet privati taghha kienu qed jitmissew, huwa probabbli li l-appellanta ħasset li l-eżami ma kienx qiegħed ssir bl-għan li tiġi eżaminata, iżda kien hemm intenzjonijiet ulterjuri. B'hekk jekk kienet qegħda tiddefendi l-pudur tagħha stess u milli tigi titmiss b'certu mod li jista` jiftiehem ħażin, l-appellanta kellha dritt legali li toġġezzjona u anki tiddefendi ruħha għal dak li ħasbet li kienet attakk fuq il-pudur taghha. Dan m'huwiex reat, anzi dritt li l-istess Kodici Kriminali taghti. Bl-istess mod nafu kemm l-istrip

search huwa kontroversjali u anki qed isir rivizjoni tal-politika tagħha.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-appellanta tirrileva li l-piena nflitta mhix ekwa u gusta. Iċ-ċirkostanzi tal-kaz m'ghandhom x'jaqsmu mal-każ tal-Pulizija vs Joseph Zahra, fejn il-Pulizija li kienu qeghdin isegwu ordni legittima sfaw aggrediti minn Joseph Zahra. F'dan il-kaz, l-appellanta kellha d-dritt li twaqqaf l-istrip search, jekk għażlet li ma żżurx lir-raġel tagħha l-habs. L-appellanta ma kinitx f'pożizzjoni tirreżisti hafna meta kienet mingħajr ħwejjeġ ġo kamra żgħira u magħluqa. Ir-raġunijiet għar-reżistenza tagħha kienu frott tal-pożizzjoni li poġġewha l-Gwardjani tal-Ħabs. B'hekk l-appellanta tissottometti li l-Qorti kellha tagħti kas ta' dawn il-fatti meta kienet qegħda tgħaddi ghas-sentenza.

Ikkonsidrat

Illi l-ewwelnett il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax id-deċiżjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun waħda li setgħet tasal għaliha dik il-Qorti kemm legalment kif ukoll raġonevolment. Mis-sentenza tal-11 ta' Frar 2011 jirriżulta li dik il-Qorti kienet ikkonsidrat kollox kif jidher mis-silta li ġejja:

' *Il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-verżjoni korretta hija dik mogħtija minn WCO 15 u WCO 23. L-imputata ppruvat tiġġustifika l-aġir tagħha billi tgħid li hija ħassitha urtata li kienet qed issirilha strip search kull darba li hija kienet qed tmur iżżur lil żewġha fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-Qorti jidhrilha li din ir-raġuni mogħtija mill-imputata għall-attakk li hija għamlet fuq iż-żewġ gwardjani fejn ikkaġunatilhom offiżi ta' natura ħafifa mhix ġusfikabbli għaliex kif jirriżulta mill-provi l-gwardjani kienu qed jagħmlu din l-istrip search fuq ordni tas-superjuri tagħhom u tenut kont tal-preċedenti tal-imputata li kienet fil-passat detenuta fl-istess Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u tal-fatt li hija dak iż-żmien kienet ex admissis tagħmel użu mid-droga u għalhekk kwalunkwe suspett li hija setgħet kellha xi sustanzi illeċiti moħbijin fi ħwejjiġha sabiex tgħaddihom lil terzi ġewwa l-Faċilita' ta' Kordin kien ġustifikat.'*

Għalhekk l-aggravju tal-appellanta li l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx ċerta dettalji jew il-ġustifikazzjoni li ppruvat tagħti l-appellanti għall-aġir tagħha qed ikun miċħud.

Il-Qorti wkoll eżaminat ix-xhieda l-oħra fil-proċess.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Jesmond Borg jirriżulta li kienet nqalgħet kommozzjoni fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fl-20 ta' Diċembru 2006. Il-gwardjani nisa kienu ġibdu l-attenzjoni tal-Pulizija li l-appellanti kienet osservata ġġib ruħha b'mod suspettuż. Fl-istqarrija tagħha l-appellanti kienet ċaħdet li tefgħet xi ħaġa f'ħalqha. Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kinux sabu sustanzi fuq l-appellanti u spjega li meta jkun visitors b'ċerti suspetti fuqhom, allura l-gwardjani jagħmlu strip search.

Xehdet ukoll WCO 23 Vincienne Mangion li qalet li hija u kollega tagħha għamlu strip search fuq l-appellanta (fol 81) . Il-kollega tagħha kienet ħadet il-panty tal-appellanti sabiex tispezzjonah. L-appellanti ħatfet lura l-panty b'mod aggressiv, poġġiet bilqegħda, qalgħet dak li kien hemm fil-panty u belgħatu. Hija kienet weġġgħet kemm lilha u kemm lill-kollega tagħha. Lilha kienet girfitha. It-tabib kien taha ħamest ijiem sick leave minħabba dak li kien ġara. L-appellanti kienet gidmet lill-kollega tagħha f'idejha. Hi ma riditx tagħtihom lura dak li kellha f'idejha u flok obdiet l-ordni kompliet tissara magħhom.

Xehdet ukoll WCO 15 Karen Gafa' li qalet li kellha ordnijiet sabiex isir strip search fuq l-appellanta. L-istrip search saret b'mod normali u qabel seħħ l-inċident kienet tagħmel strip search fuq l-appellanta għall-anqas darba fil-ġimgħa. Ix-xhud qalet li x'ħin waslet biex għall-eżami tal-panty, ix-xhud libset l-ingwanti u rat tikka bajda fid-double ply. Hija daħħlet subgħajha biex tara x'kien hemm fid-double ply. L-appellant qabżet fuqha, bdiet tigdem idejn ix-xhud bl-addoċċ u bdiet tgħajjat li l-wardens kienu mġienen. Il-gdim tant kien profond li x-xhud ma setgħetx tissaporti aktar u kellha titlaq il-panty minn idejha. Fil-pront, l-appellanta ħadet dak li kien hemm fil-panty u belgħetha. Ix-xhud ittieħdet iċ-ċentru tas-Saħħa tar-Raħal

il-Ġdid fejn ingħatat l-antibiotics u għaxart ijiem injury leave. Ix-xhud u l-kollega tagħha ma setgħux jikkontrollaw lill-appellanti.

Skont it-Tabib Dr.Mario Scerri, WCO 15 Karen Gafa' kellha abrażjoni fuq l-aspett posterjuri t'isfel tal-ewwel subgħa tal-id il-leminija. Din l-abrażjoni kellha qoxra xotta u kienet kompatibbli ma' girfa. (fol 97).

L-appellanti xehdet fid-9 ta' Ġunju 2009 u fis-16 ta' Lulju 2009. Hija qalet kienu jneżżgħuha darbtejn fil-ġimgħa għal kważi sitt xhur. Huma riduha titbaxxa iżda hija għandha ħadida f'daharha. Dak in-nhar ma kinux missewha f'kuxxtejha iżda hi riedet ħwejjiġha. Ix-xhud ammettiet ukoll li kienet għamlet xi girfa lil waħda mill-wardens (fol 121). Huma kienu qalulha li s-search kienet għadha mhix lesta. Qalet ukoll li dak iż-żmien kienet eċċitata ħafna għax kellha l-problema tad-droga. Kull meta kien isirilha strip search kienet tħossha skomda. Meta rat lill-warden tilbes l-ingwanti, l-appellanti ħasbet li ser terġa' tintmess fil-parti privata tagħha. Hija qalet ukoll li kienet saret aggressiva u 'għandi jkun' (16 ta' Lulju 2009) kienet gidmet lill-warden. (Meta xehdet fis-seduta ta' qabel qalet li kienet gidmitha). Hija nnegat li kienet belgħet xi ħaġa.

Ikkonsidrat

Wara li l-Qorti rrproduċiet is-siltiet l-aktar importanti u għarblet ix-xhieda kollha l-Qorti qed tiddeċiedi li l-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienet waħda li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha raġonevolment u legalment. Il-ġustifikazzjoni li tat l-appellant għal għamilha – minħabba l-mistħija – ma hija konvinċenti xejn. Mix-xhieda jirriżulta mingħajr ebda dubju li l-inkwiet kollu nqala' meta ntebħet li l-wardens kellhom suspett x'kellha fil-panty. Kien għalhekk li l-appellanti riedet taħtaf din il-biċċa ħwejjeġ u ssarat għaliha u mhux minħabba li ħassitha skomda. Wara kollox kienet drat il-proċedura għax kienet ilha sitt xhur tgħaddi minnha. Il-gwardjani nisa kienu qed jagħmlu xogħolhom kif suppost u rrispettaw il-

privatezza tal-appellanti. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' l-ewwel aggravju.

Il-Qorti lanqas ma ser tilqa' l-aggravju dwar il-piena li kienet waħda raġonevoli ħafna. L-Ewwel Qorti llilberat lill-appellanti minn akkuża minnhom u ddikjarat oħrajn bħala assorbiti fl-ewwel imputazzjoni. L-appellanti hija reċidiva b'diversi sentenzi.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellanti u qed tikkonferma fl-intier tagħha – kemm fejn sabet ħtija, kemm fejn illiberat kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellant għal erba' xhur priġunerija - s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Victoria sive Vicky Ebejer' tal-11 ta' Frar 2011.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------